Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1372

17.6.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1372**

**tat-8 ta' Ġunju 2026**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea dwar ir-rikonoxximent reċiproku b'rabta ma' valutazzjonijiet tal-konformità, ċertifikati u mmarkar tal-konformità**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea dwar ir-rikonoxximent reċiproku b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar tal-konformità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea dwar ir-rikonoxximent reċiproku b'rabta ma' valutazzjonijiet tal-konformità, ċertifikati u mmarkar tal-konformità huwa b'dan awtorizzat.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Id-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

1. In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Armonizzazzjoni Teknika, li jaġixxi bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 207(3), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar it-tmexxija, il-progress, u l-eżitu tan-negozjati fuq bażi regolari u kull meta tintalab mill-Kunsill, u għandha tibgħatlu d-dokumenti rilevanti kemm jista' jkun kmieni sabiex il-membri tal-Kunsill ikollhom żmien raġonevoli biex iħejju ruħhom kif xieraq għan-negozjati.

3. Fejn adatt, jew meta tintalab mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport bil-miktub.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VAFEADES